MT

2009/ECFIN/033

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 4.3.2010
KUMM(2010)69 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

# DWAR L-OPERAZZJONIJIET TA' TEĦID U GĦOTI B'SELF TAL-UNJONI EWROPEA FL-2008

# WERREJ

1. Introduzzjoni ........ 3
2. L-Attivitajiet ta' self tal-Unjoni Ewropea........ 4
2.1. Deskrizzjoni ........ 4
2.2. Il-Faċilità BTP........ 5
2.3. Il-faċilità MFA ........ 7
2.4. Il-faċilità Euratom ........ 8
3. L-Attivitajiet ta' self tal-Unjoni Ewropea........ 9
3.1. Deskrizzjoni ........ 9
3.2. BTP ........ 9
3.3. MFA ........ 10
3.4. Euratom ........ 10
4. Bank Ewropew tal-Investiment — operazzjonijiet ta' self barra mill-Komunità........ 11
4.1. L-attivitajiet ta' self tal-BEI........ 11
4.1.1. Deskrizzjoni ........ 11
4.1.2. Il-Volum ta' firem........ 12
4.1.3. L-impatt tal-attivitajiet ta' self tal-BEI fuq il-baġit tal-UE........ 12
4.2. L-attivitajiet ta' self tal-BEI........ 13

## 1. INTRODUZZJONI

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu d-diversi strumenti ta' self tal-Unjoni Ewropea jeħtieġu li kull sena, il-Kummissjoni tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-użu li jsir minn dawn l-istrumenti. Sabiex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni, dan ir-rapport jiddeskrivi l-operazzjonijiet għal kull wieħed mill-oqsma kkonċernati.

B'mod partikolari, dan ir-rapport fih preżentazzjoni fil-qosor dwar operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self permezz tal-appoġġ tal-bilanċ tal-pagamenti lill-Istati Membri (BTP) li mhumiex fiż-żona tal-Euro, u l-għajnuna makro-finanzjarja (MFA - macro-financial assistance) pprovduta mill-Komunità lill-pajjiżi terzi, kif ukoll garanziji marbuta ma' self mill-Komunità. Barra minn hekk, ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' teħid u għoti b'self tal-Euratom.

Biex ikun hemm stampa sħiħa tal-attivitajiet ta' self, id-deċiżjonijiet rispettivi tal-Kunsill[1] dwar l-attivitajiet ta' self tal-BEI barra l-Komunità jeħtieġu li l-Kummissjoni tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament fuq bażi annwali bis-sitwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjar (self u garanziji ta' self) mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) garantiti bil-baġit tal-Unjoni fil-pajjiżi fil-fażi ta' pre-adeżjoni, fil-pajjiżi Mediterranji, tal-Ewropa tal-Lvant, tal-Kawkasu tan-Nofsinhar u r-Russja, tal-Ażja u tal-Amerika Latina u tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE, kif emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 98/348/KE u 98/729/KE, li tkopri l-perjodu 01.02.1997-31.01.2000 (il-"Mandat Ġenerali 1997-2000"), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE, sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/580/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 (verżjoni kodifikata), li tkopri l-perjodu 01.02.2000-31.01.2007 (il-"Mandat Ġenerali 2000-2006"). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE (Azzjoni ta' Rikostruzzjoni u Riabilitazzjoni wara t-Terrimot fit-Turkija (TERRA)) tikkostitwixxi estensjoni tal-mandati ġenerali. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/777/KE stabbiliet azzjoni speċjali ta' self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE stabbiliet mandat separat għal ċerti tipi ta' proġetti fir-Russja u fl-Istati Indipendenti Ġodda tal-Punent (l-Ukraina, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Belarus). Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE stabbiliet mandat ġenerali ġdid li jkopri l-perjodu 01.02.2007-31.12.2013 (il-'Mandat Ġenerali 2007-2013'), sostitwita bid-Deċiżjoni 2009/633/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 2. L-ATTIVITAJIET TA' SELF TAL-UNJONI EWROPEA

### 2.1. Deskrizzjoni

Appoġġ finanzjarju għall-Istati mhux membri u għall-Istati Membri mhux taż-żona tal-euro huwa pprovdut mill-Kummissjoni permezz ta' bażijiet legali differenti, skont iż-żoni ġeografiċi kkonċernati u l-għanijiet mixtieqa.

Operazzjonijiet finanzjarji amministrati mill-Kummissjoni permezz ta' bosta deċiżjonijiet tal-Kunsill ġeneralment jieħdu sura ta' self bilaterali (appoġġ makro-finanzjarju lill-Istati mhux membri (MFA) jew appoġġ għall-bilanċ tal-pagamenti lill-Istati Membri mhux taż-żona tal-euro (BTP)), fejn il-Komunità tgħin biex jiġi ristabbilit il-bilanċ makro-ekonomiku tal-pajjiż. L-istrument tas-self tal-Euratom huwa disponibbli għal operazzjonijiet ta' finanzjar fl-Istati Membri u ċerti Stati mhux membri (l-Armenja, ir-Russja u l-Ukraina).

Kull self MFA, BTP jew Euratom huwa bbażat fuq operazzjoni back-to-back. Fi kliem ieħor, l-ammonti li jridu jitħallsu (imgħax u/jew somma prinċipali), il-valuta u d-dati tal-ħlas tas-self jaqblu mal-ammonti li jridu jitħallsu, il-valuta u d-dati tal-ħlas tat-tranżazzjoni ta' self oriġinali.

Tabella 1: Ħlas ta' self għal għajnuna makro-finanzjarja, Eurotom lill-Istati mhux membri, u self għall-Bilanċ tal-Pagamenti lill-Istati Membri li mhumiex fl-euro.

**EUR miljuni**

| | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija | | | **50** | | | | | | 50 |
| **Pajjiżi tat-'Tkabbir' subtotali (Stati Membri mill-01.01.2007)** | **0** | **0** | **50** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **50** |
| L-Albanija(1) | | | | | | **9** | | | 9 |
| Il-Bożnja u Ħerzegovina(2) | **10** | | | **10** | | **10** | | | 30 |
| fYRoM(3) | **10** | **12** | **28** | | | | | | 50 |
| Is-Serbja u l-Montenegro(4) | **225** | | **40** | | **15** | | | | 280 |
| It-Taġikistan(6) | **60** | | | | | | | | 60 |
| Il-Lebanon(7) | | | | | | | | | 0 |
| **Subtotal MFA** | **305** | **12** | **168** | **10** | **15** | **10** | **0** | **0** | **479** |
| **Euratom(8)** | **40** | **40** | **25** | **65** | **215** | **51** | **39** | **16** | **491** |
| **BTP(9)** | | | | | | | | **2 000** | **2 000** |
| **Total Kumplessiv** | **345** | **52** | **143** | **75** | **230** | **70** | **39** | **2 016** | **2 970** |

(1) Saret għotja ta' EUR 3 miljuni lill-Albanija fl-2005 u għotja oħra ta' EUR 13-il miljun fl-2006.
(2) Il-ħlas tas-self sar flimkien mal-ħlas ta' għotjiet ta' EUR 10 miljuni fl-2000. Għotja oħra ta' EUR 15-il miljun tħallset fl-2001 u ta' EUR 25 miljun fl-2003. Fl-2005 nħarġu EUR 15-il miljun f'għotjiet.
(3) L-eks Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja. Għotja ta' EUR 10 miljuni tħallset fl-2001, waħda ta' EUR 10 miljuni fl-2002 u oħra ta' EUR 18-il miljun fl-2003.
(4) Għotja ta' EUR 115-il miljun tħallset lis-Serbja u l-Montenegro fl-2002, waħda ta' EUR 35 miljun fl-2003, waħda ta' EUR 10 miljuni fl-2004 u oħra ta' EUR 25 miljun fl-2005.
(5) Fl-2001 EUR 35 miljun tħallsu lill-Kożovo u EUR 13-il miljun lill-Montenegro, mogħtija taħt sura ta' appoġġ baġitarju. Fl-istess sena għotja oħra ta' EUR 15-il miljun tħallset lill-Kożovo, segwita minn għotja oħra ta' EUR 15-il miljun fl-2002.
(6) Taġikistan: Dan is-self sar flimkien mal-ħlas ta' għotjiet li jammontaw għal EUR 14-il miljun. Għotja oħra ta' EUR 7 miljuni tħallset fl-2003 (għalkemm ġiet deċiża fl-2002), u l-istess ammont fl-2005 kif ukoll fl-2006.
(7) Għajnuna makro-finanzjarja lil-Lebanon taħt sura ta' self ta' EUR 50 miljun. Somma mħallsa ta' EUR 25 miljun f'Ġunju 2009. L-ewwel ħlas ta' għotja ta' EUR 15-il miljun seħħ f'Diċembru 2008.
(8) Inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija (Stati Membri mill-01.01.2007)
(9) Fit-2 ta' Diċembru 2008, l-ogħla limitu għall-ammont massimu ta' self li jingħata lil Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro permezz tal-faċilità tal-BTP żdied minn EUR 12-il biljun sa EUR 25 biljun. Fit-18 ta' Mejju 2009 l-limitu żdied għal EUR 50 biljun.
Ħlasijiet oħra ta' għotja għall-perjodu 2001 - 2008:
Għajnuna finanzjarja eċċezzjonali. Ħlasijiet ta' għotja lill-Armenja u l-Ġorġja li jammontaw għal, rispettivament, EUR 8 miljuni u EUR 10 miljuni fl-1998 u EUR 4 miljuni u EUR 9 miljuni fl-1999. Għotja oħra ta' EUR 6 miljuni saret lill-Ġorġja fl-2001. Għotja ta' EUR 11-il miljun tħallset lill-Armenja fl-2002. Aktar għotjiet lill-Armenja ta' EUR 5,5 miljuni u lill-Ġorġja 6,5 miljuni tħallsu fl-2004. Fl-2005, EUR 1,5 miljuni tħallsu lill-Armenja. Fl-2006, il-Ġorġja rċeviet żewġ għotjiet ta' EUR 11-il miljun kull għotja.
Ir-Repubblika tal-Moldavja: għotja ta' EUR 25-il miljun tħallset f'żewġ pagamenti fl-2008.

## 2.2. Il-Faċilità BTP

L-attivazzjoni tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BTP) lill-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro kienet il-ġrajja ewlenija tas-sena 2008 fl-operazzjonijiet ta' għoti b'self (u teħid) tal-Komunità Ewropea.

Din li ġejja hija taqsira tal-karatteristiċi ewlenin tal-faċilità BTP, l-attivitajiet ewlenin fl-2008 u l-evoluzzjoni mistennija fis-snin li ġejjin.

L-għajnuna BTP tieħu sura ta' self fuq medda medja ta' żmien pprovdut mill-Kummissjoni u ġeneralment tingħata flimkien mal-fondi pprovduti mill-FMI u selliefa oħra multilaterali, bħall-BIE, il-BERŻ jew il-Bank Dinji, jew għajnuna bilaterali mill-Istati Membri. Il-faċilità hija eċċezzjonali fin-natura tagħha u tiġi mmobilizzata fuq bażi ta' każ b'każ. Il-benefiċjarji potenzjali huma l-Istati Membri barra miż-żona tal-euro[2] li għandhom diffikultajiet gravi ta' bilanċ ta' pagamenti. L-għajnuna hija ta' natura makro-ekonomika (jiġifieri mhiex marbuta ma' użu speċifiku tal-fondi bħal fil-każ ta' għajnuna għal proġetti). Tingħata bil-patt li l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika jintlaħqu u għandha l-għan li ttaffi x-xkiel finanzjarju barrani globali tal-Istati Membri u ġġib lura l-vijabilità tal-bilanċ tal-pagamenti. Kundizzjonijiet bħal dawn jintlaħaq ftehim dwarhom bejn il-Kummissjoni (wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali) u l-Istat Membru f'memorandum ta' ftehim iffirmat qabel l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' self. L-għajnuna tirfed l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' aġġustament maħsuba biex isolvu dawn id-diffikultajiet. Il-verifika ta' dawn il-miżuri hija pre-kundizzjoni għall-ħlas ta' kwalunkwe pagament b'self.

Bosta operazzjonijiet li nħolqu fl-1975[3] bl-għan li jappoġġjaw il-bilanċ tal-pagamenti tal-Istati Membri li jkunu f'diffikultajiet jew f'theddida ta' diffikultajiet finanzjarji partikolari ġew stabbiliti mill-Komunità tul l-għoxrin sena li segwew b'self iffinanzjat b'operazzjonijiet passivi ta' dejn.

L-għadd ta' Stati Membri eliġibbli li żdiet wara t-tkabbir u l-intensità tal-kriżi finanzjarja internazzjonali ħolqu l-ħtieġa li l-faċilità tal-BTP tiġi attivata u estiża f'Diċembru 2008[4] minn EUR 12-il biljun għal EUR 25 biljun bħala reazzjoni għall-ħtiġijiet potenzjali. Żieda oħra sa EUR 50 biljun fil-limitu massimu tal-faċilità ta' self ġenerali ġiet deċiża f'Mejju 2009[5] biex ikun hemm reazzjoni minnufih għal xi talba oħra ta' għajnuna għall-BTP.

Fl-2008, il-faċilità ġiet attivata mill-ġdid biex tgħin lill-Istati Membri li mhumiex fl-euro jegħlbu d-diffikultajiet ta' bilanċ ta' pagamenti li jirriżultaw mill-kriżi finanzjarja. Fl-4 ta' Novembru 2008 l-Kunsill ddeċieda jipprovdi għajnuna finanzjarja fuq medda medja ta' żmien lill-Ungerija li twassal sa EUR 6,5 biljuni [6]permezz tal-faċilità tal-bilanċ tal-pagamenti għall-Istati Membri li mhumiex fl-euro. L-għajnuna finanzjarja tal-UE ngħatat biex tinġieb lura l-fiduċja tal-investitur fi żmien meta l-Ungerija kienet mhedda b'mod gravi minn diffikultajiet fil-bilanċ tagħha ta' pagamenti kurrenti bħala riżultat ta' volatilità għolja tas-suq finanzjarju u nuqqas ta' ċertezza kif ukoll ambjent ta' ffinanzjar imfixkel b'mod gravi għall-

---

2 Fl-1 ta' Ottubru 2009, l-Istati Membri li ġejjin ma kinux adottaw l-euro: Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 397/75 tas-17 ta' Frar 1975 li jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid magħruf bħala l-Mekkaniżmu ta' Self tal-Komunità (MSK) biex jgħin lil xi wħud mill-pajjżi tal-KE jegħlbu żbilanċ ta' kontijiet kurrenti mhux sostenibbli kkawżati mill-ewwel żieda qawwija fil-prezz taż-żejt.

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1360/2008 tat-2 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal medda ta' żmien medju għall-bilanċi tal-pagamenti tal-Istati Membri.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 431/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal medda ta' żmien medju għall-bilanċi tal-pagamenti tal-Istati Membri.

6 Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008.

biċċa l-kbira tal-aħħar tliet xhur tal-2008. Il-ħsieb kien li jitħallsu EUR 6,5 biljuni ta' self f'erba' pagamenti. Fid-9 ta' Diċembru 2008 tħallas l-ewwel pagament ta' EUR 2 biljuni. Il-bilanċ kellu jitħallas fl-2009[7] jew fl-2010 hekk kif jintlaħqu bil-mod il-mod il-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika.

Il-BTP huwa mistenni li jirrappreżenta parti kbira tal-attività ta' self tal-UE f'termini ta' volum. Fl-2009, il-Kunsill ddeċieda li jgħin żewġ pajjiżi addizzjonali permezz tal-faċilità tal-BTP:

- EUR 3,1 biljun għal-Latvja (Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009), u
- EUR 5 biljuni għar-Rumanija (Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE tas-6 ta' Mejju 2009).

## 2.3. Il-faċilità MFA

Tagħrif fid-dettall dwar operazzjonijiet MFA jinsabu fir-Rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-MFA lil pajjiżi terzi[8]. Il-karatteristiċi ewlenin tal-faċilità MFA, l-attivitajiet ewlenin fl-2008, u l-evoluzzjoni mistennija fis-snin li ġejjin jistgħu jitqassru kif ġej.

L-għajnuna makro-finanzjarja (MFA) bħala self u/jew għotjiet tappoġġja l-isforzi ta' riforma politika u ekonomika tal-pajjiżi benefiċjarji u hija implimentata flimkien mal-istituzzjonijiet ta' Bretton Woods. Il-karatteristiċi ewlenin tal-MFA tal-Komunità huma: il-karattru eċċezzjonali ta' din l-għajnuna, il-fatt li tikkomplementa l-iffinanzjar mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI), u l-kundizzjonalità makro-ekonomika. B'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Bank Dinji, l-MFA Komunitarja, imfassla skont il-ħtiġiet speċifiċi tal-pajjiżi, appoġġat diversi pajjiżi terzi bl-għan ġenerali li tiġi stabbilizzata l-qagħda finanzjarja u li jiġu stabbiliti ekonomiji li jkunu orjentati lejn is-suq.

L-operazzjonijiet ta' self tal-MFA jitħallsu ġeneralment f'ħafna pagamenti, hekk kif u meta jintlaħqu l-miri ewlenin ta' kondizzjonalità makro-ekonomika. Kull ħlas huwa marbut ma' tranżazzjoni ta' self passiv mill-Kummissjoni. F'każ ta' sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ħlas bħala riżultat ta' nuqqas mill-pajjiż benefiċjarju li jwettaq l-obbligi tiegħu ta' ħlas, il-Kummissjoni tista' tattiva l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni[9] biex is-self passiv korrispondenti magħmul mill-Kummissjoni ma jiġix affettwat.

Ħlasijiet f'għotjiet u self magħmula permezz ta' dan l-istrument mill-2001 lil hawn jinsabu fit-Tabella 1 hawn fuq.

L-attivitajiet ewlenin tal-MFA fl-2008 huma marbuta ma' negozjati mal-awtoritajiet rilevanti u kienu kkonċentrati fuq dawn li ġejjin:

- Il-kundizzjonijiet tal-għajnuna lil-Lebanon (Memorandum ta' Ftehim u Ftehim ta' Self iffirmati fit-18 u d-19 ta' Diċembru 2008 rispettivament). Il-programm MFA mal-Lebanon jikkonsisti f'għotja ta' EUR 30 miljun u self ta' EUR 50 miljun, li t-tnejn li huma għandhom

[7] Żewġ ħlasijiet adizzjonali ta' EUR 2 biljun u EUR 1,5 biljun tħallsu f'Marzu u Lulju 2009 rispettivament.

[8] Għadu mhux ippubblikat għall-2008. Għall-2007, ara COM/2008/520.

[9] Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009.

jitħallsu f'żewġ pagamenti. Il-ħlas tal-ewwel parti tas-self (EUR 25 miljun) sar kmieni f'Ġunju 2009, u l-ħruġ tat-tieni parti huwa ppjanat għall-2010 (kemm-il darba jintlaħqu l-kundizzjonijiet marbuta ma' din l-għajnuna).

- Ir-regolarizzazzjoni tal-firda bejn is-Serbja u l-Montenegro tas-self tal-MFA mogħti f'isem l-ex Repubblika Federali tal-Jugoslavja. Fit-2 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill addotta d-Deċiżjoni 2008/784/KE li tistabbilixxi passiv separat tal-Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u l-Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE[10] li jawtorizzaw lill-Kummissjoni li tiffirma ftehim separat ta' self mal-awtoritajiet tal-Montenegro. Din id-deċiżjoni hija sempliċement ir-riżultat tal-indipendenza tal-Montenegro f'Ġunju 2006 u ta' ftehim milħuq bejn is-Serbja u l-Montenegro f'Lulju 2006 biex jalloka d-djun esterni bejn iż-żewġ stati separati. Mhux jinħolqu xi obbligi ġodda għall-Komunità u m'hemmx implikazzjonijiet baġitarji. Hekk kif jintlaħaq u jidħol fis-seħħ ftehim ta' self mal-Montenegro waħdu (mistenni sa tmiem l-2009), id-djun attwali tas-Serbja jiġu aġġustati mill-ġdid.

- Fl-2008 l-Kummissjoni temmet l-implimentazzjoni tal-programm ta' għajnuna makro-finanzjarja li tammonta għal EUR 45 miljun għar-Repubblika tal-Moldova deċiża mill-Kunsill fis-16 ta' April 2007. It-tielet u r-raba' pagament tal-għotja (EUR 10 miljuni u EUR 15-il miljun rispettivament) inħarġu f'Ġunju u Diċembru 2008. Il-programm kien parti mill-pakkett finanzjarju bħala appoġġ għall-arranġament li l-gvern għandu mal-FMI permezz tal-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Faqar u għat-Tkabbir (PRGF) li jmur lura sa Mejju 2006 u li jagħlaq f'Mejju 2009.

- F'Diċembru 2008, il-Kummissjoni rrilaxxat l-ewwel pagament ta' għotja ta' EUR 15-il miljun permezz tal-programm ta' għajnuna makro-finanzjarja lil-Lebanon approvata fl-10 ta' Diċembru 2007.

- Ma kien hemm l-ebda ħlasijiet ta' self permezz tal-MFA fl-2008.

L-MFA tiffoka fuq ir-reġjuni ġirien, bħall-Balkani tal-Punent u l-Kawkażu. L-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali kien gravi b'mod partikolari f'dawn ir-reġjuni. Minħabba f'dan, bosta pajjiżi ġirien u fl-istadju ta' pre-adeżjoni avviċinaw lill-Kummissjoni b'mod formali jew informali b'talbiet għal MFA, u l-Komunità kellha tiffaċċja attività qawwija fl-2009 biex tilqa' t-talbiet li jaqgħu taħt din il-faċilità. Huwa diffiċli tbassar għal kemm żmien aktar se ddum din it-talba għolja, iżda madankollu se tkun marbuta mar-ritorn ġenerali lejn in-normalità fil-pajjiżi aktar żviluppati ekonomikament.

### 2.4. Il-faċilità Euratom

Il-faċilità ta' self Euratom tista' tintuża biex tiffinanzja proġetti ġewwa l-Istati Membri (Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom) jew f'ċerti pajjiżi terzi (l-Ukraina, ir-Russja jew l-Armenja) (Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom). Dawn l-operazzjonijiet ta' self jittieħdu mill-baġit u l-Kummissjoni tiffinanzjahom *back to back* billi tissellef mis-suq finanzjarju. Fl-1990 il-Kunsill stabbilixxa limitu ta' self passiv ta' EUR 4 biljuni li minnhom ġew deċiżi

10 ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8.

madwar EUR 3,4 biljuni. Fl-2002 il-Kummissjoni pproponiet żieda fil-limitu tas-self minn EUR 4 biljuni għal EUR 6 biljuni, li dwaru għad ma ntlaħaqx ftehim fil-Kunsill.

L-attivitajiet tal-Euratom fl-2008 ffukaw fuq it-tieni ħlas (USD 22 miljun) permezz tal-proġett K2R4. Fid-29 ta' Settembru 2004 l-Kummissjoni approvat self ta' ammont totali f'EUR ekwivalenti għal USD 83 miljun għall-aġġornament tas-sikurezza tal-unitajiet ta' qawwa nukleari magħrufa bħala Unità 2 Khmelnitsky u Unità 4 Rovno fl-Ukraina. Is-self sar effettiv fis-7 ta' Lulju 2006 wara verifika li l-kundizzjonijiet kollha ta' qabel tal-ftehim tas-self kienu ntlaħqu b'mod sodisfaċenti. Sar l-ewwel pagament ta' EUR 39 miljun fil-15 ta' Marzu 2007. Fis-6 ta' Ottubru 2008, sar it-tieni pagament ta' USD 22 miljun (ekwivalenti għal EUR 15,2 miljuni), wara l-operazzjoni ta' self passiv korrispondenti.

Fl-2009 l-attività ta' għoti u teħid b'self kellha tinkludi l-pagament tat-tielet parti[11] skont il-ftehim ta' self għall-proġett K2R4 (USD 10,3 miljuni) fl-Ukraina.

## 3. L-ATTIVITAJIET TA' SELF TAL-UNJONI EWROPEA

### 3.1. Deskrizzjoni

Sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet ta' self deċiżi mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi fuq is-suq kapitali f'isem il-Komunità rispettiva (KE, Euratom). Għal kull strument (self BTP, MFA u Euratom) il-mekkaniżmu tal-operazzjoni ta' teħid u għoti jiġi ddeterminat skont il-bażi legali rispettiva. Hemm rabta mill-qrib *'back-to-back'* bejn operazzjoni ta' self passiv u l-operazzjoni ta' self marbuta magħha, u dan jiżgura li l-baġit tal-UE huwa ħieles minn kull rata ta' mgħax jew riskju ta' munita barranija.

### 3.2. BTP

F'Novembru 2008 l-KE kkonkludiet impenn ta' self ta' EUR 6,5 biljuni mar-Repubblika tal-Ungerija permezz tal-faċilità BTP. L-ewwel pagament ta' EUR 2 biljuni ġie ffinanzjat fid-9 ta' Diċembru 2008 permezz tal-ħruġ ta' bond ta' tliet (3) snin.

Il-ħruġ tal-bond rega' ġab lura lill-KE bħala entità ta' ħruġ lejn is-suq tal-bonds bil-punt ta' riferiment tal-euro. Il-bond intlaqa' tajjeb ħafna fis-suq. Billi l-interess tal-investituri kien wieħed qawwi, il-bond inħataf malajr. Il-klassijiet kollha importanti ta' investituri kienu rrappreżentati fit-tqassim finali, inklużi l-banek ċentrali, il-fondi tal-investiment, it-teżori tal-banek u l-kumpaniji tal-assikurazzjoni. Il-prezz tal-bond kien qrib l-aħjar prezz fil-grupp tiegħu ta' referenza, is-settur tas-Sovereign Supranational Agency (SSA), bi qbil ma' entitajiet ta' ħruġ bħal EIB, KFW u SFEF.

---

[11] L-aħħar pagament sar f'Ottubru 2009.

Ir-rendiment tas-suq sekondarju kien sodisfaċenti ħafna u kkonferma l-pożizzjoni tal-KE bħala entità ta' ħruġ ta' bonds b'punt ta' riferiment mill-aqwa. Din il-pożizzjoni ssaħħet b'bonds oħra ta' punt ta' riferiment maħruġa matul l-2009, fuq il-bażi mibnija bil-ħruġ tal-punt ta' riferiment tal-2008.

## 3.3. MFA

Ma kienx hemm iffinanzjar permezz tal-għajnuna makro-finanzjarja fl-2008.

## 3.4. Euratom

Inġabar ammont ta' USD 22 miljun għal Euratom fl-2008.

Tabella 2: Il-volum tal-operazzjonijiet ta' self passiv skont l-istrument finanzjarju mill-2001 sal-2008[12].

EUR miljuni

| | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **MFA** | 305 | 12 | 118 | 10 | 15 | 19 | | |
| **Euratom** | 40 | 40 | 25 | 65 | 215 | 51 | 39 | 16 |
| **BTP** | | | | | | | | 2000 |
| **Total** | 345 | 52 | 143 | 75 | 230 | 70 | 39 | 2016 |

12 Aktar tagħrif dwar il-bonds tal-KE jinsab fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/financial_operation_instruments/market_operations59_en.htm.

Tabella 3: Self passiv totali tal-Unjoni Ewropea — ammonti mhux imħallsa fi tmiem kull perjodu 2000-2008[(1)]

EUR miljuni

| | ECSC | Euratom | BTP | MFA | Total Unjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|---|
| **2000** | 2 039 | | | 1 656 | **3 695** |
| **2001** | 1 386 | 40 | | 1 633 | **3 059** |
| **2002** | 713 | 80 | | 1 379 | **2 172** |
| **2003** | 431 | 105 | | 1 372 | **1 908** |
| **2004** | 423 | 170 | | 1 214 | **1 807** |
| **2005** | 440 | 385 | | 1 080 | **1 905** |
| **2006** | 436 | 436 | | 969 | **1 841** |
| **2007** | 400 | 474 | | 786 | **1 260** |
| **2008** | 266 | 484 | 2 000 | 654 | **3 404** |

(1) Ir-rati ta' konverżjoni użati huma tal-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Ammont oriġinali ta' self passiv, bil-pagamenti tas-somma prinċipali miżjuda jew imnaqqsa, kanċellazzjonijiet, annullamenti u aġġustamenti skont ir-rata tal-kambju.

## 4. Bank Ewropew tal-Investiment — operazzjonijiet ta' self barra mill-Komunità.

### 4.1. L-attivitajiet ta' self tal-BEI

#### *4.1.1. Deskrizzjoni*

Is-self li jingħata mill-BEI mir-riżorsi tiegħu huwa jew fil-forma ta' finanzjament dirett ta' proġetti individwali jew ta' self globali lill-intermedjarji finanzjarji, li mbagħad jallokaw il-fondi għal proġetti lokali fuq skala iżgħar. Ftit minn dan is-self barra mill-Komunità jibbenefika minn garanzija tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u huwa, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, is-suġġett prinċipali ta' dan ir-rapport. Taħt il-mandat estern attwali, il-BEI jista' wkoll jipprovdi garanziji ta' self. Il-BEI juża medda usa' ta' strumenti finanzjarji (inklużi l-ekwitajiet f'ċerti każi) permezz tal-faċilitajiet tiegħu stess ta' riskju[13] u meta jamministra riżorsi tal-Komunità jew tal-Istati Membri (speċjalment fil-pajjiżi tal-Mediterran u tal-AKP). Rapport għalih se jirrevedi l-operazzjonijiet tal-BEI mwettqa permezz tal-mandat estern.

13 F'Lulju 2009, il-Bord ta' Gvernaturi approva estensjonijiet għall-Faċilità ta' Pre-Adeżjoni u l-Faċilità II tas-Sħubija tal-Mediterran tal-BEI biex jippermetti l-investimenti indiretti fl-ekwitajiet fil-fondi tal-infrastruttura.

*4.1.2. Il-Volum ta' firem*

Il-volum totali tal-operazzjonijiet tal-BEI ffirmati żdied b'20% għal EUR 57,6 biljuni fl-2008, li minnhom ammont ta' EUR 51,5 biljuni ġew iffirmati mal-Istati Membri u EUR 6,1 biljuni ma' pajjiżi fi sħubija.

Self BEI fi Stati li mhumiex membri fl-2008 — Ħarsa ġenerali

**EUR miljuni**

| | **Baġit UE u riżorsi EDF(1)** | **Riżorsi proprji permezz ta' Garanzija Komunità / Stati Membri** | **Riżorsi proprji permezz ta' faċilitajiet proprji tal-BEI** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| **Pajjiżi ta' Pre-Adeżjoni (Mandat 2007-2013)** | | 2 009 | 1 444 | 3 453 |
| **Pajjiżi tal-Viċinat u fi Sħubija (Mandat 2007-2013)** | 62 | 1 365 | 33 | 1 460 |
| **AAL — l-Ażja u l-Amerika Latina (Mandat 2007-2013)** | | 469 | | 469 |
| **RSA — L-afrika ta' Isfel (Mandat 2007-2013)** | | 203 | | 203 |
| **Il-pajjiżi ACP-OCT(2)** | 336 | 225 | | 561 |
| **Total** | **398** | **4 270** | **1 477** | **6 145** |

(1) Mogħtija u amministrati mill-BEI mir-riżorsi baġitarji tal-KE jew il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp (EDF).

(2) Il-Pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew, il-Paċifiku / Il-Pajjiżi u t-Territorji lil hinn mix-xtajta.

*4.1.3. L-impatt tal-attivitajiet ta' self tal-BEI fuq il-baġit tal-UE[14].*

Il-BEI jipprovdi l-iffinanzjar ta' proġetti kemm ġewwa kif ukoll barra mill-UE, b'garanzija parzjali mill-baġit tal-UE. L-attivitajiet ta' self iħallu impatt fuq il-baġit tal-UE meta dawn

14 Għall-impatt tal-garanziji mogħtija lill-BEI u l-impatt tas-self fuq riskju proprju tal-UE, ara r-rapport dwar il-garanziji kopert mill-baġit fil-31.12.2008, COM2009 (398).

ikunu akkumpanjati minn garanziji tal-Komunità, sussidji fuq l-interessi jew kundizzjonijiet speċjali li jistgħu jitqabblu ma' operazzjonijiet riskjużi għal min jislef.

Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill ta l-garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minħabba self u garanziji ta' self għal proġetti barra mill-Komunità (Deċiżjoni 2006/1016/KE[15]), li ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni 2009/633/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009[16]. Il-garanzija Komunitarja hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-krediti li jinħarġu u tal-garanziji mogħtija, wara li jitnaqqsu l-ammonti rimborsati u jiżdiedu l-ammonti relatati l-oħra kollha. Il-limitu massimu għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jitwettqu skont dan il-mandat fil-perjodu 2007-2013 huwa ta' EUR 27 800 miljun, magħmul minn limitu bażiku ta' EUR 25 800 miljun u minn mandat mhux obbligatorju ta' EUR 2 000 miljun li l-Kunsill u l-Parlament jiddeċiedu jekk jattivawhx skont ir-riżultat tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu li ssir fl-2010.

## 4.2. L-attivitajiet ta' self tal-BEI

Permezz tal-programm ta' ffinanzjar tal-2008 l-BEI ġabar ammont ta' EUR 59,5 biljuni. Din hija żieda sinifikanti b'paragun mal-2007 (EUR 54,7 biljuni jiġifieri +9%). Din iż-żieda sostanzjali seħħet fl-2008 f'ambjent diffiċli ta' ffinanzjar. Kienet ikkaratterizzata mill-volatilità, nuqqas ta' ċertezza tas-suq, u minn nofs Ottubru, ambjent ta' ffinanzjar imxekkel b'mod gravi. Għalhekk issokta s-serħan fuq tranżazzjonijiet ikbar u likwidi, u fuq livelli baxxi ta' talbiet għal ħruġ strutturat.

15 ĠU L 414. 30.12.2006, p.95.
16 ĠU L 190. 22.07.2009, p.1.